ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

StudentBounty.com

**IT-TIELET SENA L-ISTORJA (OPTION) IL- ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**L-Isem: ___________________________________ Il-Klassi: ______________**

## L-ISTORJA TA' MALTA

**1. Ħares sewwa lejn is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**




1.1 Is-sors jittratta l-ġrajja tal- __________________________ li kien fis-sena ____________ (*1556, 1565, 1665, 1656*). (2)

1.2 Qabbel l-ittri A, B, Ċ, D, E, F mill-mappa ma' dawn is-sentenzi. (6)

| | | |
|---|---|---|
| 1.2.1 | Il-kampijiet tat-Torok fl-inħawi tal-Marsa. | |
| 1.2.2 | Il-flotta Torka fil-Port ta' Marsamxett. | |
| 1.2.3 | Il-Forti Sant'Anġlu u l-Birgu. | |
| 1.2.4 | Il-ponta ta' Tignè fejn inqatel Dragut. | |
| 1.2.5 | Il-Forti Sant'Jiermu li ntrebħet mit-Torok fit-23 ta' Ġunju 1565. | |
| 1.2.6 | Il-batteriji tat-Torok fuq l-Għolja Xeberras. | |

1.3 Semmi **żewġ** konsegwenzi li kellha din il-ġrajja fuq Malta u fuq l-Ordni ta' San Ġwann.

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Ħares lejn dan is-sors u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwaru.**




2.1 Sors B juri ċella fil-ħabs tal-Inkwiżitur. X'juri dan is-sors dwar il-ħajja tal-ħabsin f'dak iż-żmien?

______________________________________________ (1)

2.2 Fejn kien jinsab dan il-ħabs? ______________________________ (1)

2.3 Għaliex kien twaqqaf f'Malta t-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2.4 Semmi **żewġ** nuqqasijiet li minħabba fihom il-Maltin kienu jittellgħu quddiem l-Inkwiżitur.

____________________ ____________________ (2)

2.5 Għaliex spiss kien ikun hemm tilwim bejn l-Inkwiżitur, l-Isqof u l-Gran Mastru?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2.6 Kif spiċċat l-Inkwiżizzjoni minn Malta?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**3. Ħares sewwa lejn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**







3.1 Liema ġrajja mill-istorja ta' Malta tidher f'sors Ċ?

____________________________________________________________ (1)

3.2 Din il-ġrajja seħħet fis-sena ____________ (*1789, 1796, 1798, 1800*). (1)

3.3 Min kien qed imexxi lill-Kavallieri f'dak iż-żmien? ________________________ (1)

3.4 Min hu l-persunaġġ f'sors D li kellu sehem ewlieni f'din il-ġrajja?

____________________________________________________________ (1)

3.5 Xi skuża kien ġab dan il-persunaġġ biex ikun jista' jidħol fil-Port il-Kbir?

____________________________________________________________ (1)

3.6 X'konsegwenza kellha din il-ġrajja fuq l-Ordni ta' San Ġwann?

____________________________________________________________ (1)

3.7 Semmi **erba'** bidliet jew riformi li wettaq f'Malta l-persunaġġ li jidher f'sors D.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (4)

**(Total: 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u ikteb fit-tul dwarha.**

4.1 (a) X'bidliet għamlu l-Kavallieri fit-tmexxija, fl-ekonomija u fid-difiża ta' Malta fl-ewwel snin tagħhom f'Malta?
(b) Kif il-Kavallieri komplew jibdlu lil Malta wara l-Assedju l-Kbir?

(10 marki x 2 = 20)

4.2 Il-flotta tal-Ordni u s-sibi, barra li kienu jipprovdu bosta impjiegi u xogħlijiet għall-Maltin, kienu jġibu dħul ta' flus għall-Ordni u jħarsu l-Gżejjer Maltin mill-furbani. Iddiskuti.

4.3 Ikteb paragrafu fuq **erbgħa** minn dan il-wirt li l-Kavallieri ħallew f'Malta.

(a) Il-bini tal-Belt Valletta
(b) l-Akwadott ta' Wignacourt
(ċ) Is-*Sacra Infermeria*
(d) Ir-restawr tal-Imdina
(e) Il-binjiet tal-Kavallieri fil-Belt Valletta (eż. il-Palazz, il-bereġ, il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann eċċ).

(5 marki x 4 = 20)

**(Total: 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## L-ISTORJA TAL-EWROPA

**5. Aqra, ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**

*'I took on myself the task of re-reading books of all the philosophers that I could get hold of, to find out if any ever held any opinion about the movements of the heavenly spheres other than the opinion held by those who teach mathematics in the Schools. And first I found in Cicero that Nicetas thought that the earth moved. Afterwards I found some others in Plutarch who were of the same opinion … As a result, I too began to think about the possibility of the movement of the earth.'*

Nicholas Copernicus (1473-1543), Polish astronomer: *The Revolutions of the Heavenly Spheres,* 1532.

**Sors E**



**Sors F**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5.1 Sors E huwa (*primarju/sekondarju*) għax inkiteb minn ____________________ )

5.2 L-awtur ta' sors E kien (*tabib, astronomu, mużiċist, filosofu, inġinier*).

5.3 Xi skoperta importanti jsemmi l-awtur f'sors E? ____________________________

______________________________________________________________________ (2)

5.4 Din l-iskoperta ġabet lil dan l-awtur f'inkwiet mal-Knisja Kattolika? Għaliex?

______________________________________________________________________ (2)

5.5 Sors F juri invenzjoni importanti oħra tas-seklu 15. Għid x'kienet din l-invenzjoni.

______________________________________________________________________ (1)

5.6 X'bidla ġabet din l-invenzjoni fil-mod ta' kif kienu jsiru l-kotba f'dak iż-żmien?

______________________________________________________________________ (1)

5.7 Semmi effett tajjeb li ġabet din l-invenzjoni fuq l-Ewropej ta' dak iż-żmien.

______________________________________________________________________ (1)

**(Total: 10 marki)**

**6. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors Ġ



Sors G

6.1 Sors Ġ u G huma dwar ir-Riforma ____________________ li Martinu Luteru beda

fil- ________________________ fl-1517. (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.2 X'qed jidher jagħmel Luteru f'Sors Ġ?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

6.3 X'kienet għamlet il-Knisja Kattolika biex Luteru wasal biex ħa dan il-pass?

______________________________________________ (1)

6.4 X'qed jidher jagħmel Luteru f'Sors G?

______________________________________________

______________________________________________ (2)

6.5 Għaliex għamel din l-azzjoni? ______________________

______________________________________________ (1)

6.6 X'konsegwenza kellhom l-azzjonijiet ta' Luteru fuq ir-reliġjon u fuq l-Ewropa?

______________________________________________

______________________________________________(2)

**(Total: 10 marki)**

**7. Aqra, ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**

| **Il-Finanzi tal-Gvern Franċiż fl-1788** | | | |
|---|---|---|---|
| **Infiq: 633.1 miljun *livres*** | | **Dħul: 471.6 miljun *livres*** | |
| Il-familja rjali | 42 | Taxxi indiretti | 219 |
| Affarijiet barranin | 14 | Taxxi diretti | 163 |
| l-Armata u l-flotta | 159 | Dħul mill-artijiet tar-re | 51 |
| Xogħlijiet pubbliċi | 15 | Għotjiet lill-Kuruna | 21 |
| Salarji, pensjonijiet u karità | 67 | Monopolji rjali (eż. il-posta) | 18 |
| Infiq ieħor | 75 | | |
| Interessi mħallsa fuq id-dejn | 261 | | |

**Sors GĦ**

7.1 X'inhu s-suġġett tat-tabella ta' Sors GĦ?

______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com




7.2 Xi problema kellu l-Gvern Franċiż fl-1788?
It-tabella ta' Sors GĦ tgħinek twieġeb.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

7.3 Semmi **żewġ** fatturi li ġabu din il-problema
għall-Gvern Franċiż ta' dak iż-żmien.

______________________________________________

______________________________________________(2)

7.4 X'konsegwenza kellha din il-problema fuq il-poplu Franċiż fl-1789?

______________________________________________ (1)

7.5 Sors H juri r-re ta' Franza f'dak iż-żmien. Għid x'kien jismu. __________________(1)

7.6 X'taħseb li ġralu r-re f'sors H? ______________________________

______________________________________________ (1)

7.7 X'kellu jkun id-destin aħħari tar-re f'dawk il-ġrajjiet?

______________________________________________ (1)

7.8 Xi snin wara, (*Lafayette, Vaubois, Voltaire, Robespierre*) sar dittatur ta' Franza fi Żmien ir-Renju tat-Terrur. (1)

**(Total: 10 marki)**

**8. Agħżel WAĦDA minn dawn it-temi u fuq karta separata, ikteb fit-tul dwarha.**

8.1 X'tifhem bil-kelma 'Rinaxximent'? Għaliex dan beda fl-Italja? Spjega kif ir-Rinaxximent infirex f'pajjiżi oħra Ewropej.

8.2 Il-Portugiżi u l-Ispanjoli kienu l-ewwel popli li skoprew rotot u artijiet ġodda fil-Lvant u fil-Punent. Semmi xi esploraturi importanti u ikteb dwar il-vjaġġi ta' skoperti li għamlu.

8.3 Uri kif Napuljun, minn sempliċi uffiċjal fl-armata Franċiża, sar Imperatur tal-Franċiżi.

**(Total: 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers